

Ittra aljena

Għeżież ħbieb tal-pjaneta terra fil-Galassja bl-isem tat-Triq ta' Sant'Anna,

Qed niktbulkom biex nintroduċu ruġna, bit-tama li l-pjaneti tagħna jsiru ħbieb. Il-pjaneta tagħna jismha KELT-1b u tinsab fil-Galassja Andromeda. Aħna ilna ħafna nixtiequ nikkuntattjawkom. Nisperaw li ma taħsbux ħażin fina meta ngħidulkom li għal dawn l-aħħar snin konna qed nosservawkom, nissemawkom, nanalizzawkom u nivvalutawkom. Fl-aħħar wasal il-waqt li ilna nistennew. Inutli noqogħdu nispegaw kif taħdem it-teknoloġija tagħna għax hija wisq differenti minn tagħkom biex tifhmuna u ma tantx għandna ħin. Biss biss, biex din l-ittra tgħaddi għal għandkom kellna bżonn sekonda. Iżda mhux sekonda kwalunkwe. Fil-fatt ma stajna nużaw l-ebda waħda mill-31 536 000 sekonda li jeżistu fis-sena tagħkom għax dawk kollha diġà assenjati. Kellna bżonn sekonda żejda. L-aħħar sekonda bisestili seħħet fit-30 ta' Ġunju 2015. Is-sekonda bisestili li jmiss se tkun fil-31 ta' Diċembru 2016. Qed nisperaw li sa dakinhar din l-ittra tkun ġiet tradotta f'bosta lingwi oħra.

Kif tistgħu timmaġinaw, f'sekonda ma jirnexxilniex nibagħtu iktar minn ittra waħda mill-galassja tagħna għal tagħkom. Ma stajniex niddeċiedu b'liema lingwa se nibagħtu l-ittra tagħna. Stagħġibna meta sirna nafu li fid-dinja tagħkom jeżistu madwar 6 500 lingwa. Dan affaxxinana immens għax aħna għandna lingwa waħda biss, madankollu ipprezentana bi problema. Kif suppost niddeċiedu liema waħda minn dawk il-lingwi kollha għandna nużaw? Għall-ewwel ħsiebna li nistgħu nużaw xi waħda mil-lingwi l-kbar bħal ngħidu aħna l-Ingliż, iċ-Ċiniż, l-Ispanjol jew il-Franċiż, iżda mbaġħad ikkonkludejna li mhux qed inkunu daqstant ġusti. Allura fl-aħħar iddeċidejna li nagħżlu l-lingwa b'mod aleatorju.

Qbadna nistudjaw il-lingwa li għażilna bl-addoċ - il-Malti - fis-sena 1999, waqt li kulħadd kien eċċitat dwar il-millennju l-ġdid u intom kontu qed titwiieldu. U issa smajna b'dan il-konkors tal-Juvenes Translatores li ilu jiġi organizzat 10 snin u sirna nafu li l-Malti kien fil-fatt waħda mill-24 lingwa ta' dan il-konkors. Rajna kif għamilna biex daħħalna din l-ittra fil-konkors biex tiġi tradotta fil-lingwi l-oħra.

Iva, daqshekk ilna nistudjaw il-lingwa tagħkom u nippreparaw din l-ittra, 17-il sena!